MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-30 ta' April, 2012

Citazzjoni Numru. 964/2011

**Justin John Zammit Fiorentino normalment magħruf bħala Justin Zammit Fiorentino**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fil-5 ta' Ottubru 2011 li permezz tiegħu l-attur ippremetta:

1. Illi r-rikorrent twieled f'Malta fit-tletin (30) ta' Marzu tas-sena elf disa' mija ħamsa u tmenin (1985) u illi skond l-Att ta' Twelid kellu jissejjaħ bl-isem Justin John Zammit u dan kif jidher mill-Att ta' Twelid numru 2092 tas-sena 1985 li kopja tiegħu hija annessa u mmarkata bħala Dok A;

2. Illi għal żmien twil, ir-rikorrent kien fil-fatt konsistentement magħruf bħala Justin Zammit Fiorentino, u dan kif jidher mid-dokumenti annessi u mmarkati Dok. B, Dok C, Dok D, Dok E, Dok F, Dok G, Dok H, Dok I, Dok J, Dok K, Dok L, Dok M, Dok N, Dok O, Dok P, Dok Q, Dok R, u Dok S;

3. Illi kunjom ir-rikorrent huwa wkoll indikat bħala Zammit Fiorentino fuq bosta dokumenti uffiċjali nklużi l-Passaport, il-karta tal-IDentita' u l-Liċenzja tas-Sewqan;

4. Illi dan kollu mhux rifless fl-att tat-twelid u r-rikorrenti jixtieq illi dan jibqax hekk;

5. Ir-rikorrenti jaf dawn il-fatti personalment.

Għaldaqstant, ir-rikorrenti jitlob bir-rispett previa d-dikjarazzjonijiet neċessarji u wara li jingħataw il-provvedimenti opportuni, din l-Onorabbli Qorti jogħġobha għar-raġunijiet fuq imsemmija:-

1. Tiddikjara jekk hemm bżonn, illi r-rikorrent huwa fil-fatt magħruf konsistentement bl-isem "Justin Zammit Fiorentino".

2. Tordna illi tali fatt jiġi rifless b'korrezzjoni tal-Att ta' Twelid tiegħu numru 2092 tas-sena 1985 billi tordna illi:

(i) fil-kolonna intestata *"Isem jew ismijiet li bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa"* l-kelma *"John"* tiġi kkanċellata u jiżdied il-kliem *"Zammit Fiorentino"*, u

(ii) fil-kolonna intestata *"Annotazzjonijiet"* jintniżżlu il-kliem *"kunjom it-tarbija għandu jkun 'Zammit Fiorentino' billi qed jiżdied kunjom ommha"*, u

(iii) tagħti kull direttiva oħra li jidhrilha xierqa u opportuna.

3. Tordna illi kull bidla ordnata bis-saħħa ta' dina s-sentenza u in partikolari isem u kunjom ir-rikorrenti u kif

għandu jissejjaħ jiġu riflessi f'kull att ta' stat ċivili relattivi għar-rikorrenti u fejn ikun il-każ għal uliedu u d-dixxendenti tiegħu.

Bl-ispejjeż.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku, ippreżentata fis-6 ta' Diċembru 2011, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok huwa essenzjali għall-integrita' tal-ġudizzju li r-rikorrenti Justin John Zammit Fiorentino bl-applikazzjoni tal-Artikolu 175 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta jitlob għal korrezzjoni fl-okkju ta' din il-kawża fis-sens li huwa għandu jidher bil-kunjom *'Zammit'* u mhux *'Zammit Fiorentino' stante* li l-kunjom *'Fiorentino'* ma jappartjenix lilu skond kif jirriżulta mill-Att tat-Twelid tiegħu bin-numru ta' iskrizzjoni 2092 tas-sena 1985;

2. Illi *in limine litis* ukoll huwa meħtieġ li talanqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Illi mingħajr preġudizzju għal fuq premess, rigward il-punt numru (i) tat-tieni talba, l-esponenti jġib a konjizzjoni tar-rikorrenti li l-kolonna intestata *"isem jew ismijiet li bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa"* tipprovdi biss għall-ismijiet u mhux kunjomijiet tat-tarbija. Illi difatti, l-Att tat-Twelid oriġinali ta' Justin John Zammit bin-numru progressiv 2092/1985 ma jipprovdi l-ebda kolonna, intestatura jew spazju tal-ebda tip fejn jista' jiġi inserit il-kunjom tat-tarbija. Għaldaqstant tali talba hija nfundanta u għandha tiġi miċħuda;

4. Illi dejjem bla ħsara għal fuq espost, u fuq il-premessa li tali azzjoni qed tiġi sostnuta fuq l-artikolu 253(1) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, l-esponenti jirrileva li ma jirriżultax mid-dokumenti li ġew mehmuża flimkien mar-rikors ġuramentat li fid-data ta' reġistrazzjoni tal-Att

tat-Twelid tar-rikorrenti kien effettivament sar xi żball jew saret xi ommissjoni.

5. Illi għalhekk, ġaladarba ma kien sar l-ebda żball jew ommissjoni jsegwi li l-ebda annotazzjoni, korrezzjoni, tiswija jew żieda ta' kunjom ieħor ma tista' tiġi effetwata lill-imsemmi att tal-istat ċivili skond id-dettami tal-artikolu 253 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta. *Ergo* t-tieni talba punt numru (ii) hija wkoll insostenibbli u għalhekk ma tistax tiġi akkolta;

6. Illi dejjem bla ebda preġudizzju għas-suriferit anke t-tielet talba tar-rikorrenti hija insostenibbli u dan *stante* li *ai termini* tal-Artikolu 253 (3) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta r-rikorrenti għandu jispeċifika n-numru u s-sena tal-atti tal-istat ċivili li huwa qiegħed jagħmel riferenza għalihom;

7. Illi subordinatament għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża odjerna, l-esponent mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk huwa jirrimetti ruħu għall-provi dwar it-talbiet u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

8. Illi bla preġudizzju għal premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

9. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu nġunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti proċesswali.

Semgħet lill-attur;

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta’ Frar 2012 fejn il-kawża ġiet differita għas-sentenza ;

Ikkunsidrat;

Illi din il-kawza hija msejsa fuq l-artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jipprovi rimedju għal persuna li tirriskontra żball fl-att tat-twelid tagħha kif ukoll biex persuna titlob reġistrazzjoni ta’ isem li bih tkun magħrufa mill-familja tagħha.

Illi f’din il-kawża huwa ċar li l-attur qed jagħmel it-talba tiegħu a bażi tal-artikolu 253 (2) għaliex ma hemm ebda żball *ut sic* fl-att tat-twelid tiegħu. Fil-fatt fl-istess rikors promotur huwa jgħid illi huwa dejjem kien magħruf bil-kunjom ‘Zammit Fiorentino”. Id-dokumenti esebiti minnu ma jħallu ebda dubju dwar dan.

Illi madankollu l-konvenut qed jeċċepixxi li mid-dokumenti esebiti ma jirriżultax li kien hemm xi żball jew ommissjoni fl-att tat-twelid tal-attur, u li l-att tat-twelid ma jipprovdi ebda spazju biex jiġi ndikat kunjom it-tarbija.

Illi l-Qorti jidhrilha li l-eċċezzjonijiet imsemmija huma fondati.

Illi f’sentenza mogħtija fis-16 ta’ Diċembru 2003 tal-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet **“Damian Damian-Schembri vs Direttur tar-Registru Pubbliku”** ġie osservat li kif sewwa eċċepixxa l-konvenut l-att tat-twelid ma jipprovdi mkien kolonna fejn jitniżżel kunjom it-tarbija għas-sempliċi raġuni illi t-tarbija tieħu kunjom missierha jew ommha skond il-każ. Għalhekk l-attur ma jistax jagħmel it-talba li qed jagħmel għaliex effettivament ikun qed ibiddel kunjom missieru. Kif osservat il-Qorti tal-Appell fis-sentenza imsemmija, l-artikolu 253 (2) jirreferi għall-**isem** (u mhux kunjomu) l-attur u għas-sempliċi raġuni li *“ċ-ċertifikat tat-twelid ta’ persuna ma jagħtix il-kunjom ta’ dik il-persuna, iżda għal dak li huwa kunjom, jagħti l-kunjom ta’ missier u ta’ omm dik il-persuna. Huwa biss l-isem (Christian name) li jiġi mogħti speċifikatament lill-persuna li għaliha jirreferi ċ-ċertifikat li jkun, ... u huwa proprju għax iċ-*

*ċertifikat tat-tweild ma jattribwix 'kunjom' lit-tifel – it-tifel sempliċement jassumi l-kunjom ta' missieru (li miegħu llum jista' jżid kunjom ommu) li r-riferenza għall-isem fis-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 253 hija neċessarjament referenza għall-prenom u mhux għall-kunjom jew 'family name'."*

Illi huwa minnu pero' li kien hemm każi fejn il-Qorti (fuq talba tal-attur jew attriċi) awtorizzat annotazzjoni fil-marġini tal-att tat-twelid; u dan fejn ikun hemm ness; per eżempju jkun kunjom omm l-attur (*vide* s-sentenza **"John Zammit *sive* Zammit Pace vs Direttur tar-Reġistru Pubbliku"**, Qorti tal-Appell deċiża fit-2 ta' Marzu 1994). Din il-kawża ġiet intavolata qabel l-emendi fil-Kodiċi Ċivili li ppermettew persuna żżid kunjom ommha wkoll. F'din il-kawża fil-fatt l-attur qed jitlob li jżid kunjom ommu u għalhekk il-Qorti tista' tordna li ssir tali annotazzjoni.

Illi hija wkoll fondata s-sitt eċċezzjoni għaliex it-talba ma tistax issir jekk mhux b'riferenza ċara u speċifika għall-atti li l-attur irid li fihom issir il-korrezzjoni.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt li tilqa' t-tielet, ir-raba', il-ħames u s-sitt eċċezzjoni tal-konvenut, tiċħad it-talbiet attriċi kif dedotti, iżda tordna li fl-att tat-twelid tal-attur numru 2092 tas-sena 1985 issir annotazzjoni fis-sens li t-tarbija għandha ġġib il-kunjom "Zammit Fiorentino".**

**L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-attur.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------